# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa, 8 ta' Mejju, 2024**

**Numru 5**

**Rikors Numru 700/19TA**

**Matthew Borg (K.I. nru. 419483M)**

**vs**

**Justin Haber (K.I. nru. 278281M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Matthew Borg (l-Attur) tas-16 ta' Lulju 2019 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

**DIKJARAZZJONI u RAGUNI TAT-TALBA**

1. Illi ghall-habta ta' Ottubru, 2018, meta avvicinat mill-konvenut, l-attur kien ghadda lill-istess konvenut l-ammont komplessiv ta' tmienja u ghoxrin elf u sitt mitt ewro (€28,600.00c) li kien jehtieg l-istess konvenut ghal xi negozju (gestjoni ta' kaffetterija bl-isem ta' "Corner 16") li kien ser jiftah gewwa Birkirkara.
2. Illi jidher li l-imsemmi negozju qatt ma rrealizza ruhu u l-attur talab tali ammont lura lill-konvenut izda dan ta' l-ahhar baqa' jipprokrastina dwar ir-rifuzjoni lura ta' tali ammont.
3. Illi bl-intendiment li l-attur jibda' jithallas lura, kien hemm qbil li l-attur jigbor u jiehu forn industrijali tal-konvenut tal-valur ta' erbghat'elef ewro

(€4,000.00c). Dan il-forn infatti ittiehed mill-attur ghall-habta ta’ Frar, 2019 biex b’hekk id-dejn relattiv gie ridott ghal erbgha u ghoxrin elf u sitt mitt ewro (€24,600.00c).

4. Illi nonostanti diversi promessi, il-konvenut baqa’ inattiv fir-rifuzjoni lill-attur tar-rimanenti ammont, ossia ta’ erbgha u ghoxrin elf u sitt mitt ewro (€24,600.00c) u ghalkemm sehhew diskussjonijiet bejn il-partijiet, il-konvenut ma weriex ir-rieda li jadempixxi l-oggligu tieghu.

5. Illi l-imsemmi ammont ta’ erbgha u ghoxrin elf u sitt mitt ewro (€24,600.00c) jikkostitwixxi dejn li l-konvenut ghandu pendenti ma’ l-attur u tali dejn hu cert, likwidu u dovut.

6. Illi ghalhekk l-attur kellu jiftah l-prezenti proceduri sabiex jezigi u jottjenu l-pagament lura ta’ dan l-ammont hawn fuq indikat.

**<u>TALBIET</u>**

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandiex din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. fl-ewwel lok, TIDDIKJARA lill-konvenut bhala debitur versu l-attur fl-ammont ta’ erbgha u ghoxrin elf u sitt mitt ewro (€24,600.00c) u konsegwentement TIDDIKJARA lill-attur bhala kredituri tal-konvenut fl-istess menzjonat ammont;

2. fit-tieni lok, TIKKUNDANNA lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmi ammont ta’ erbgha u ghoxrin elf u sitt mitt ewro (€24,600.00c);

3. TAGHTI kull ordni jew direttiva idoneja u/jew TAKKORDA kull rimedju li jinhass xieraq fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz fid-dawl jew in aderenza mat-talbiet attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru li qed jigi mressaq kontestwalment mal-prezenti kawza u bl-interessi fuq l-ammont domandat bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mill-intavolar tal-prezenti proceduri, kontra l-konvenut li huwa ingunt minn issa ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ Justin Haber (il-konvenut) li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

“1. Illi mhux minnu li r-rikorrent ghadda l-ammonti msemmija b’self, bl-intendiment lill-eccipjent jerga’ jirrifondi l-istess ammonti lura.

2. Illi fil-fatt r-rikorrent talab lill-eccipjent sabiex jinvestu flimkien f’kafetterija bl-isem ‘Corner 15’, Triq Tumas Fenech f’Birkirkara, u effettivament kienu ftehmu kull wiehed x’kellu jikkontribwixxi ghall-istess negozju, u s-sehem mill-profitti li kellhom jiehdu kull wiehed minnhom.

3. Illi dina r-relazzjoni kummercjali sfaxxat minhabba tortijiet attribiti unikament lir-rikorrent, tant illi arbitrarjament iritira mill-ftehim illi kellu u konsegwentement rrenda dan in-negozju nsolventi, w dana kif ser ikun spjegat dettaljatament fil-mora tal-kawza.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda mressqa fil-perkors tal-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Bħala fatt prinċipali, il-partijiet huma konkordi li l-Attur tassew ħareġ is-somma reklamata. L-Attur jgħid li din is-somma ġiet minnu mogħtija lill-Attur bħala self għall-ħabta ta' Ottubru 2018 u dan inkonnessjoni ma' negozju relatat ma' kafetterija f'B'Kara.

**2.** Il-partijiet huma ukoll konkordi li l-Attur kien f'relazzjoni ma' oħt l-Attur u li minnha kellu tarbija. F'xi żmien din ir-relazzjoni ġiet itterminata u l-konvenut evidentement ħadha bi kbira u ried għalhekk iwaqqaf kull relazzjoni kummerċjali li kellu mal-attur.

**3.** Għalhekk l-Attur qiegħed permezz ta' din il-Kawża jitlob lura mingħand il-konvenut il-flejjes kollha li ħareġ f'forma ta' self.

**Punti ta' Liġi**

**4.** L-azzjoni tal-Attur qegħda issir in virtu' tal-Istitut tal-mutuum.

**5.** Skont artikolu 842 tal-Kodiċi Ċivili "*Il-mutwu jew self għall-konsum huwa kuntratt li bih waħda mill-partijiet tikkunsinna lill-oħra xi kwantità ta' ħwejjeġ li jintemmu bl-użu, bl-obbligu ta' min jissellef li jrodd lil min jislef daqshekk ieħor tal-istess xorta u kwalità".* U artikolu 844(1) tal-istess Kodiċi ikompli jispjega li " *L-obbligazzjoni li toħroġ minn self ta' flus hija, fil-każijiet kollha, tal-istess somma, fin-numru, li tkun imsemmija fil-kuntratt*".

**6.** Min-naħa tiegħu qiegħed jinsisti li ma jesistix self iżda kien hemm partnership ossia soċjeta' ċivili bejniethom u li flus avvanzati mill-Attur kienu investiment. B'hekk il-konvenut qiegħed jinvoka l-artikolu 1644 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi hekk: *"Is-soċjetà hija kuntratt li bih tnejn min-nies jew iżjed jiftiehmu li jqiegħdu xi ħaġa in komun, sabiex jaqsmu l-qligħ li b'hekk jistgħu jieħdu".*

**Konsiderazzjonijiet**

**7.** Meta l-liġi titkellem dwar kuntratt ma jfissirx li dan għandu dejjem ikun bil-miktub. Skond artikolu 960 tal-Kodiċi Ċivili "*Il-kuntratt huwa konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn min-nies jew iżjed, illi bih tiġi magħmula, regolata, jew maħlula obbligazzjoni*". Issa hemm kuntratti li jeħtieġ isiru taħt piena ta' nullita' bil-forma miktuba, bħal pereżempju konvenji fejn ikun wegħda ta' bejgħ ta' immobbli. Filwaqt li hemm oħrajn jistgħu ikunu fil-forma verbali biss. Is-self huwa wieħed mill-kuntratti fejn il-forma miktuba ma hiex meħtieġa (Ara **Sentenza tal-Appell tat-12 ta' Frar 2018 fl-ismijiet George Zammit f'ismu proprio et nomine -vs- Angelic Mifsud et**).

**8.** Iżda kif diġa' rilevat, il-konvenut qiegħed jilqa' għat-talbiet Attriċi billi jgħid li l-kwistjoni ta' bejn il-partijiet ma tirrigwardax self iżda kienet tikkonsisti f'kontribuzzjoni li kellu jagħti kull wieħed mill-partijiet għan-negozju bl-isperanza li kull parti tirċievi s-sehem tagħha mill-profitti. Fi ftit kliem il-flejjes avvanzati mill-Attur kien forma ta' investiment.

**9.** Minn sms mibgħut mill-Attur lill-konvenut ma jidhirx li kien sempliċi self iżda kien aktar minn hekk (a' fol 44). Li jista' jkun li kien hemm ħsieb li jkun soċjeta' ċivili (*partnership*) jemerġi ukoll mill-fatt li l-Attur jgħid ukoll li kien hemm ħsieb li jkun hemm partnership iżda dan ma seħħx u minflok sar self (a' fol 127 tergo u a' fol 130 tergo). U f'wieħed mit-texts mill-Attur lill-Konvenut jgħid hekk: "*Just next Monday tell accountant me <u>details for partnership agreement</u> … been waiting for three weeks now*" (a' fol 174). Fil-waqt li Robert Aquilina, l-Accountant, jixhed li "*Li kellhom f'mohhhom hija li joperaw din il-kafetterija <u>bazikament bi shab</u>!*" (a' fol 239 tergo emfażi tal-Qorti.

**10.** Il-Konvenut fl-affidavit tiegħu jispjega x'kien il-kontribut tal-Attur fil-kafeterrija (a' fol 132). Il-konvenut jgħid, li meta l-Attur irtira mill-ftehim <u>sa dak iż-żmien kollox kien għadu jistrieħ fuq akkordju verbali</u> (a' fol 133). Dan ikompli jixhed hekk: "*Jiena ghalhekk illum nghid u insostni illi flus li Matthew hareg ma kienx self jew moghti lili personalment bl-intenzjoni li nerga' inroddu lura, imma kien il-kontribuzzjoni tieghu ghal negozju li dhalna ghalih flimkien u dak li investa kellu jirkuprah minn negozju*" (a' fol 134).

**11.** Issa kif ingħad aktar l-fuq l-artikolu 1644 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk: *"Is-soċjetà hija kuntratt li bih tnejn min-nies jew iżjed, jiftiehmu li jqiegħdu <u>xi ħaġa in komun</u>, sabiex jaqsmu l-qligħ li b'hekk jistgħu jieħdu".* (Emfażi tal-Qorti). Minn hawn jemerġi li mhux kull min ikun bi sħab f'xi attivita' kummerċjali jfisser li qiegħed f'soċjeta' ċivili ai fini ta' dan l-artikolu. Hekk per eżempju tnejn li jixtru u jbiegħu. Jekk apparti x-xiri u l-bejgħ ma jkollhom xejn in kommuni bejniethom ma jistgħux jitqiesu li huma bi sħab fis-sens tal-artikolu imsemmi. Irid ikun hemm xi ħaġa inkommun bejniethom bħal pereżempju propjeta' kemm rejali jew intanġibbli li tkun miżmuma indaqs bejn dawk li jkunu sħab.

**12.** Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti huwa ċar, li l-ġestjoni tal-kafetterija f'B'Kara kienet ser tkun permanentement tappartjeni lit-tnejn. Għalhekk jekk tassew kellu jkun hemm Soċjeta' Ċivili l-artikolu inkwistjoni huwa applikabbli. Iżda jrid jingħad li jekk dan huwa l-każ, l-artikolu 1233 (1)(f) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li "*Bla ħsara tal-każijiet li fihom il-liġi, espressament, tagħmel meħtieġ l-att pubbliku, għandhom isiru b'att pubbliku jew b'kitba privata, taħt piena ta' nullità - …… is-soċjetajiet ċivili;".*

**13.** Issa f'dan ir-rigward ingħad hekk:

"*Huwa minnu li l-Artikolu 1233(1)(f) tal-Kap 16 jehtieg, taht piena ta' nullita`, li skrittura privata. Izda mhux kull negozju li jsir bejn zewg persuni ghandu jigi ekwiparat ghal socjeta` civili. In effetti l-Artikolu 1644 tal-Kap 16 jiddefenixxi socjeta` bhala dak il-kuntratt li bih tnejn min-nies jew izjed*

*jiftiehmu li jqieghdu xi haga in komun, sabiex jaqsmu l-qligh li b'hekk jistghu jiehdu.*

*Jidher ghalhekk li wiehed mill-elementi essenzjali biex ftehim jista' jissejjah kuntratt ta' socjeta` skond il-Kap 16, huwa li l-partijiet ghandhom "jqieghed xi haga in komun". Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li bejn il-kontendenti kien hemm mizmum xi haga in komun; ghal kuntrarju dak li kien qed isir kien kif deskritt ben tajjeb mill-istess konvenut kif hawn fuq riportat u kif ukoll riportat fis-sentenza appellata.*

*Il-partijiet kienu biss jixtru u jbighu majjali, anzi l-attur kien jiehu hsieb ix-xiri mentri l-konvenut kien jiehu hsieb il-bejgh u dan daqqa fuq il-licenzja ta' wiehed u daqqa fuq il-licenzja ossia permess ta' l-iehor. Ma kien hemm ebda oggett li seta' jissejjah "in komun" bejn il-kontendenti; kienu biss il-profitti li setghu gew akkwistati b'dan in-negozju li kellhom jitqassmu bejn il-kontendenti.*

*In fatti anke kif tinsab formulata c-citazzjoni li skop ta' dawn il-proceduri huma sabiex l-konvenut ihallas dak li zamm ghalih u mhux biex l-attur jigi kumpensat mis-socjeta`"* (**Sentenza tat-18 ta' Settembru, 2009 Appell Civili fl-ismijiet Lawrence u martu Theresa Borg et -vs- Joseph u Joyce konjuġi Gatt**).

**14.** It-tagħlim f'din is-Sentenza huwa perfettament applikabbli għal din il-Kawża bid-differenza li fil-każ odjern kien hemm din ix-xi ħaġa kommuni li kienet tikkonsisti fil-ġestjoni tal-Kafetterija imsemmija. Issa kif jgħallmu

dawn il-Qrati: "*Ir-rikjesta ghall-kitba fl-Artikolu 1233 mhux wahda ta' prova, izda hija mehtiega ghall-validita` tal-ftehim. Il-kitba mhix rikjesta "ad probationem tantum" izda "ad validitatem"* "(ara Sentenza fl-ismijiet **Camilleri -vs- Agius deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Ġunju 1949**).

**15.** Għalhekk il-Qorti tqies li jekk tassew kien hemm soċjeta' ċivili kif qed jippretendi l-konvenut, din hija nulla għaliex ma saritx bil-formalita' li trid il-liġi. Din il-formalita' hija meħtieġa biex ikun ċar bil-miktub x'inhuma l-obbligi u drittijiet tas-soċji, propju biex ma jiġrix bħal ma ġara fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, fejn kull ħadd jagħti l-verżjoni tiegħu ta' x'inhuma dawn id-drittijiet u l-obbligi ta' kull wieħed .

**16.** Għalhekk ġaladarba s-soċjeta' ċivili hija nulla, l-effetti ta' din in-nullita hija fis-sens li tpoġġi lil kull parti fl-istat li kien qabel.

**17.** Issa l-awturi josservaw li n-nullita` "*comprende anche tutti i casi, praticamente assai piu` importanti, nei quali sono presenti gli elementi materiali e mancano invece gli elementi giuridici dell'atto (es. vendita immobiliare conclusa senza atto scritto)* (Ara **Alberto Trabucchi, Istituzioni di Diritto Civile, 48th ed., a cura di Giuseppe Trabucchi, 2017 paġni 156, 166**). Min hawn għalhekk jitnissel l-argument ġuridiku li n-nullita' tal-kuntratt hija l-ineffikaċja tiegħu. Kuntratt null ma jipproduċi ebda effetti għaliex *quod nullum est nullum producit effectum.* Għalħekk ma għandu effett kwalunkwe bejn il-partijiet daqs li kieku qatt ma kien stipulat. Dan ifisser f'dan il-każ, talinqas sa fejn jirrigwarda l-partijiet bejniethom, huwa applikabbli l-prinċipju li insibu taħt l-Istitut tar-rexxissjoni

u ċioe' li *"il-partijiet jiġu mqiegħda fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim"* (ara art 1029 tal-Kodiċi Ċivili). Ergo, kull ammont li ħareġ l-Attur għandu jiġi rifuż lilu mill-konvenut u dan l-ammont huwa dak li qed jintalab fir-rikors ġuramentat kif anke jirrikonoxxi l-konvenut u dan kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel.

**18.** Imma fi kwalunkwe każ, il-Qorti ma tistax ma tosservax, li anke li kieku fil-bidu tar-relazzjoni tagħhom kien hemm l-intiża li jkun hemm soċjeta' ċivili, indipendentement mill-fatt jekk saritx bil-forma li trid il-liġi, bid-dikjarazzjonijiet u proposti magħmula mill-istess Konvenut, f'xi ħin din transmutat f'self veru u propju. Jibda biex jingħad li ma kienitx ħaġa insolita li l-Attur jislef flus lill-konvenut anke qabel ma l-konvenut kien tefa' għajnejh fuq il-kafetterija ta' B'Kara. Di fatti l-Attur jgħid li qabel kien hemm okkażjonijiet oħra fejn kien selfu xi flus iżda kien raddhom lura (a' fol 106 u tergo).

**19.** Permezz ta' email datat 28 ta' Novembru 2018, il-Konvenut wiegħed li kien lest li jħallas lill-Attur pagamenti mensili b'imgħax ta' 4% (a fol 119 tergo u a' fol 113). Dan l-intendiment ġie ukoll rikonoxxut univokament mill-konvenut f'wieħed mill-SMSs (a' fol 182). L-Attur jispjega ukoll, li kien awtorizzat li jiġbor il-forn li kien għadu kemm wasal minn Napli. L-Attur ħadu u biegħu biex qata' parti mis-somma li kien jitlob biex b'hekk baqalu jieħu s-somma mertu ta' din il-Kawża (a' fol 109). B'sms oħra, il-konvenut qal lill-Attur "*kiku I had money in the Bank already gave them to you"* (a' fol 65). U l-konvenut tant kien lest li jħallas lill-Attur tant li saħansitra bagħatlu

*itimized bill* tal-flus dovuti lill-Attur (a' fol 53 u 191). Dan biex ma jsemmiex ukoll il-kwantita' ta' wegħdiet li għamel lill-Attur li ser iħallsu u dan kif jemerġi mill-SMSs li għaddew bejniethom bil-konvenut dejjem ibiddel id-dati ta' meta kellhom jiltaqgħu għand l-avukati rispettivi, u issa għal raġuni u issa għall-oħra dejjem ħassarhom.

**20.** Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Austin Psaila -vs- Lother Slabick App Inferjuri, deċiża fid-9 ta' Frar 2005**: "*Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f' denunzja tas-successjoni jew f' forma ta' entrata fl-accounts*".

**21.** Veru li dan it-tagħlim intqal fir-rigward tal-Istitut ta' preskrizzjoni iżda din il-Qorti ma tarax għalfejn ma għandhiex tapplikah għal każ li għandha quddiemha inkwantu jirrigwarda l-ammissjoni da parti tal-konvenut tal-kreditu li qiegħed jitlob f'din il-kawża l-Attur.

**22.** Il-Qorti issibha stramba ħafna kif il-konvenut, li f'din il-Kawża qiegħed jisħaq fuq il-punt li dak li ġara huwa tort tal-Attur, meta għall-perjodu twil kien qiegħed kontinwament jipproponi li jħallas lill-Attur dak li qed jitlob f'din il-kawża. Fil-fehma tal-Qorti għemilu qabel ma bdiet il-kawża jikkontradixxi lill-għemilu f'din il-kawża. Ikun aħjar għall-konvenut joqgħod attent sabiex kull meta jidħol għal xi biċċa ta' negozju, jagħmel studju sew u serju ta' x'jiflaħ jew ma jiflaħx.

## Decide

Għaldaqstant din il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut.

**Tilqa' l-ewwel** talba Attriċi u tiddikjara lill-konvenut bħala debitur versu l-Attur fl-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf u sitt mitt ewro (€24,600).

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-Attur is-somma msemmija, bl-imgħaxijiet legali mill-presentata ta' din il-Kawża sal-pagament effettiv.

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba stante li din il-Qorti ma tista' tagħti ebda direttivi oħra.

Spejjes tal-kawża għall-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**